Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBA LEGISLATURA 2017

SEDUTA NUMRU 57

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar il-Hamis 4 ta Gunju 2018

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Justin Fenech | - | Vici Sindku |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |

Ufficjal Prezenti: Vince Tanti, Segretarju Ezekuttiv

Skuzati kien hemm il-Kunsillier M. Abela peress li kellha konferenza, il-Kunsillier A. Chetcuti li kellu appuntament l-isptar u l-Kunsillier M. Miceli li jinsab msiefer.

Is- Sindku qal it-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas seduta numru 55 inqraw, il- Kunsillier P. Fenech ippropona u l-Kunsillier T. Valentino ssekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Minuti tas-seduta 56 nqraw, il- Kunsillier T. Valentino ipproponiet u l-Kunsillier P. Fenech ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI**

Ma kienx hemm punti li johorgu mill-Minuti.

**III RAPPORT MIS-SINDKU**

Rapport tas-sindku huwa anness (Anness A).

Is- Sindku attenda diversi laqghat u attivitajiet kif msemmi:

| | |
|---|---|
| 16.05.18 | Interviews ghal Accountant il-gdid tal-Kunsill |
| 16.05.18 | Protesta f'Pembroke kontra l-izvilupp tas-sit li kien l-ITS |
| 25.05.18 | Kuncert ghall-Unur Maestro Joseph Vella |
| 28.05.18 | Laqgha ma' Transport Malta fuq culvert fi Triq il-Keffa |
| 29.05.18 | Ffirmar tal-kuntratt ta' major patching ma' V&C Contractors |
| 30.05.18 | Laqgha ma' infrastructural service providers fi Triq il-Keffa |

Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-progress tal- progetti ta' Transport Malta li kienu qeghedin isiru fi Triq il-Keffa u triq il-Gizimin. Tkellem fuq id-diversi problem li ltaqaw maghhom ir-residenti u l-kuntratturi u kemm m'hijiex facli li zzomm lill kulhadd kuntent.

Is-Sindku pogga fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet ta' xoghol fit-toroq fi Triq l-Ilqugh, Parti min Triq il-Hawt u parti min Triq is-Sirk, fejn il-kwotazzjonijiet zdiedu b'75%

Tkellem fuq il-problema ta' l-over development li qeghdin nghixu fih is-Swieqi. Saret haga ta' kuljum fejn resident icemplulu igorru fuq trabijiet u problem ohra li jiltaqghu maghhom. Qal li jekk ma'jkollnix iktar sapport mill -Awtorita ta l-Ippjanar ma nistawx inkampaw.

**III RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

Fuq il-Progetti Kapitali is-Sindku informa li hadd ma ttenderja ghal progett ta' Pjazza Uqija, u kellna nergaw nohorgu t-tender. Fuq Gnien Esprit Barthet, ix-xoghol ma jistax jimxi l-quddiem ghax ma hemmx l-approval mill-Lands, u fuq Triq Ibag/Franciz irridu l-kwotazzjoni mill-V&C Contractors.

Tkellem ukoll fuq l-Urban Greening Project u talab li x-xoghol jithaffef ghax Settembru maghna u m'ahna ser nkunu wasalna mkien.Talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jahdem fuq dawn il-progetti kollha, imma hija evidenti li hawn hafna xoghol allura talab sabiex jingagga l-ex Segretarju Ezekuttiv ghal-ghajnuna ghax skond hu mhux ser ilahhaq max-xoghol. Il-kunsill approva din it-talba u qabel maghha.

Huwa staqsa wkoll sarux it-tiswijiet fi Gnien Maurice Caruana Curran, u s-Segretarju Ezekuttiv informah li il-maggoranza tax-xoghol tlesta.

Fuq il-Magazin tal-Kunsill, fakkar li ghadha ma ssolvietx il-problema tat-tqassim tar-rivista tal-Milied, u kemm ilna nigru wara l-Maltapost ghal laqgha. Fl-ahhar llum waslet talba ghal laqgha.

Issa li qeghdin fis-sajf, hi l-opinjoni tieghu li r-rivista trid tohrog, u talab lill Vici Sindku u lil-Kunsillier A.Curmi sabiex jahdmu fuqu u jaghmlu kull ma hu possibli sabiex dan isir.

Fakkar lil-Vici Sindku li Settembru wasal u Swieqi Fest ukoll, u talab li ssir laqgha t'informazzjoni fuq din l-attivita.

Is-Sindku ghalaq billi ferah lill kantanti Emma Muscat u Christabelle Borg , zewgt resident mis-Swieqi li ghamlu unur ghal Malta dan l-ahhar.

Ferah ukoll lill ghaqdiet sportivi tal-lokalita ghal sena ohra ta successi. Il-Lokalita kburija bihom lkoll. Ferah b'mod partikolari liz-zaghzuha Francesca Curmi mill-Madliena li kienet l-ewwel Maltija li kwolifikat ghal French Open.

6.20pm – Il-Vici Sindku talab sabiex jigi skuzat.

**<u>IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI</u>**

**<u>Punti mressaq mill-Kunsillier P. Fenech</u>**

Il-Kunsillier P. Fenech pprezenta Rapport tal-hidma tieghu mill-ahhar laqgha tal-Kunsill (Rapport Anness G).

Tkellem fuq il-konferenza li attenda f'HABO. fl-Isvezja, li kienet kontinwazzjoni tal-konferenzi li attenda l-Italja, Il-Grecja, u li organizata f'Malta.

Il-Kunsillier P. Fenech habbar li l-organizzaturi unanimament ghazlu li ssir konferenza ohra f'Malta, u ihu ressaq din it-talba ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-membri prezenti approvaw dan l-invit, li ghad irid jigi approvat minn ghandhom ukoll, izda l-konferenza ser issir f'Ottobru.

Noel Muscat — Vince Tanti

Sindku — Segretarju Ezekuttiv

**Punti mressaq mill-Kunsillier P. Fenech- ikompli**

Tkellem ukoll fuq kollaborazzjoni li ghamel ma' Centru Russu tal-Kultura, ix-Xjenza u l-Arti, fejn dawn ta' l-ahhar ser jorganizzaw esibizzjoni ta' l-arti fis -Sala tal Kunsill bejn il 15 u 17 ta Gunju.

Il-Kunsillier P. Fenech jemmen li kollaborazzjoni ma l-Ambaxxata Russa tista wkoll twassal ghal diversi ghajnuna ghal Kunsill mill-kommunita Russa.

Il-Kunsillier P. Fenech tkellem fuq l-attivita tal- kuncert ghad'unur Maestro Vella, fejn qal li ghalkemm kienet attivita organizzata sew, l-attendenza ma kienitx kemm wiehed xtaq, ghalhekk sahaq fuq l-importanza li jkollna iktar marketing ghal attivitajiet tal-Kunsill. Mhux bizzejjed il-pagni facebook tal Kunsill, tas-Swieqi Residents u tal-Kunsillieri individwali, imma jehtieg li nohorgu iktar ghal pubbliku in generali permezz ta' press releases u media ohra.

Il-Kunsillier P/ Fenech informa li qed jattendi workshops abbinati mal-Valletta 18, partikolarment foq il-progetti Orfeo and Majnun

Huwa kompla fuq ir-rivista tal-Kunsill fejn nsista li ir-rivista trid tohrog l-edizzjoni tas-sajf.

Ghalaq l-intervent tieghu billi tkellem fuq diversi punti reletati mas-sahha u s-sigurta fil-lokalita' minhabba issues tal-kostruzzjoni fis-Swieqi. Il-Kunsillier P. Fenech irrakkomanda li ssir Seminar fuq dan il-punt, u l-Kunsillieri prezenti qablu ma dan.

**Punti Mressqa mill-Kunsillier A. Curmi**

Huwa tkellem fuq il-Berlin Bear, u x'decizjoni ttiehdet fuqu. Is-Segretarju infurmah li bhal ma kien qal fil-laqgha ta' qabel minhabba problema ta' vandalizmu ma xtaqx johorgu barra, imma ser jixtri stand u jpoggieh quddiemu bl-informazzjoni fuqu u jibqa hawn gol-Kunsill. Kien hemm qbil mil-Kunsill ghal dan.

Il-Kunsillier A. Curmi staqsa ghaliex ghad jidher isem is-Segretarju Ezekuttiv precidenti fil-Website tad-DLG. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dik il-website m;ghadiex tintuza mid-DLG ghax qed jahdmu fuq wahda gdida, imma ser jerga jikkuntattjhom sabiex jinbidlu l-ismijiet.

Huwa irrakkomanda li l-iskeda tal-pagamenti li ser jipprezeta s-segretarju Ezekuttiv tghaddi izda xtaq li jitnizzlu iktar dettalju tax-xoghol li qed iwettaq is-sur Hugh Zammit, fil-kapacita ta' konsulenza ghal Kunsill.

Il-Kunsillier A. Curmi staqsa kienx hemm xi zviluppi fuq il-proposti ta' l-immanigjar tat-traffiku , izda s-Sindku wiegeb li ghalissa ma hemmx il-hsieb, ghalkemm jara l-importanza taghha. Hu ssugerixxa li l-ahjar li jitlesta xoghol kollu marbut ma' Triq il-Keffa qabel ma jsir xi tibdil fuq immanigjar tat-traffiku f' din iz-zona.

Fl-ahharnett huwa staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi dwar il-possibilita li jigi nstallat defibrillator fil-lokalita, preferibbilment fil-Kunsill. Is-Sindku u l-Kunsillieri diga kienu qablu ma dan. Is-Segretarju Ezekuttib irrimarka li wiehed jista jkollu defibrillator gol-Kunsill imma l-importanti li jkun hemm xi had li jaf juzah, ghax inutli li jkun hemm.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**Punti mressqa mil-Kunsillier T. Valentino**

Hija pprezentat rapport tal-hidma taghha fuq il-Mejda (Anness B), fejn tkellmet fuq 9 punti fosthom:

- Sqaq Lourdes kien mnizzel bhala San Giljan mal-lista tat-toroq biex ma jsirx skavar fis-sajf.
- PA3465/14 – sit il-Gharghur , struttura biex tilqa fiha vetturi skrappjati – oggezzjonat f'isem il-kunsill, flimkine mal Periti Rossignaud u Valentino u l-kunsilliera M. Abela ( kopja mehmuza B)

  Sottomissjoni fuq PC63/18, Parcelling of Land in Ibrag Road/ Triq l-Iskud (Dettalji fuq Anness B mehmuz)

- Appell 41/17 Kunsill Lokali Swieqi kontra L-Awtorita ta l-Ippjanar (PA4710/17)
- Appell kontra dicizjoni PA3805, Guesthouse F'Wied Ghomos, San Giljan

  Ara kopja mehmuza Anness C)

  Smiegh fit -22 ta'Mejju ghal PC31/17, rezoning ta Triq il-Giebja, fejn il-Kunsill permezz tal-periti kienu kontra r-rezoning, u l-applikazzjoni giet rifjutata.

- PA1576/12 – Appell kontra l-Awtorita ta l-ippjanar ghal ghoti ta permess ghal Guest House f'Wied Ghomor, San Giljan (ara kopja annessa D)
- PA 3692/18 (Annessa E), fejn il-Kunsill oggezzjona ghad-demolizzjoni ta villa u l-kostruzzjoni ta lukanda.

Il-Kunsillier T. Valentino tkellmet ukoll fuq il-mawra li organizzat f'Ghawdex, flimkien mal-Kunsillier P. Fenech ghal grupp ta l-Active Living Group. Attendew fuq 45 participant u kienet attivita ta' success kbir, fejn hadu hafna gost.

Fl-ahharnett tkellmet fuq l-istallazzjoni ta l-air conditioning fis-swali tal-Kunsill u staqsiet hux jahdmu. Is-Segretarju wiegeb li fis-swali ta' fuq qed jahdmu u fis-27 ta Gunju ser jahdmu tas-sala l-kbira wkoll.

**APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U XIRI IEHOR**

Giet ipprezentat l-iskeda ta' pagamenti nru.46. Din giet approvata b'mod unanimu minn dawk prezenti.

Il-laqgha giet fi-tmiemha fit-8.00pm u giet aggornata ghal 5 ta'Lulju fil- 17.00. Kien hemm qbil unanimu dwar dan minn dawk kola prezenti.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |